**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 130/2017 CFF**

**Black Top Limited**

**Vs**

**Dimbros Limited**

**Illum 30 ta' Mejju, 2019**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tas-socjeta' attrici fejn talbet sabiex is-socjeta' konvenuta tigi kkundannata

1. Tiddikjara lis-socjeta' intimata debitrici fl-ammont ta' hdax-il elf, tmien mija u seba' u hamsin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€11,857.22) rapprenzentanti l-prezz ta' merkanzija debitament mibjugha u kkonsejata lis-socjeta' intimata u li ghadu dovut minkejja diversi interpellanzi;

2. Konsegwentement, tikkundanna lis-socjeta' intimata sabiex thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' hdax-il elf, tmien mija u seba' u hamsin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€11,857.22) oltre imghaxijiet kummercjali mill-kunsenja sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kuntestwalment kontra s-socjeta' intimata li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat illi fil-verbal tal-20 ta' Marzu, 2018 Dr. Franco Galea ghas-socjeta' konvenuta ta ruhu b'notifikat ghan-nom tal-istess socjeta' bl-avviz tas-smigh u fejn iddikjara li ma kienx se jdahhal risposta ghal din il-kawza stante li s-socjeta' konvenuta tat l-awtorizazzjoni taghha ghall-izbank tas-sorte mir-Registru u halset ukoll l-ispejjez tal-kawza u tal-Mandati relattivi.

Rat illi fil-verbal tal-14 ta' Mejju, 2019 Dr. Simon Galea Testaferrata ghas-socjeta' attrici talab lill-Qorti sabiex taghddi ghas-sentenza stante li l-kreditu dovut lis-socjeta' attrici mis-socjeta' konvenuta, kien ghadu kollu dovut.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tordna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hdax-il elf, tmien mija u seba' u hamsin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€11,857.22) bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**